# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tal-4 ta´ Diċembru 2023**

**Talba nru. 241/2022**

**RMB MANAGEMENT LIMITED (C 53359)**

***VERSUS***

**LA COLLINA LIMITED (C 93082)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fil-11 t´Awwissu 2022 (a fol 1 et seq), is-soċjeta´ attriċi talbet l-ammont ta´ elf tliet mija u sitta u sebgħin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 1376.67) rappreżentanti servizzi ta´ inkorporazzjoni ta´ soċjeta´ privata u provvista ta´ indirizz irregistrat mogħtija mis-soċjeta´ attriċi lis-soċjeta´ konvenuta kif ukoll spejjeż marbuta mal-ittra uffiċċjali mibgħuta mis-soċjeta´ attriċi lis-soċjeta´ konvenuta.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tas-27 ta´ Settembru 2022 fejn is-soċjeta´ attriċi ġiet awtorizzata tipproċedi bin-notifika tas-soċjeta´ konvenuta (a fol. 12).

Ra illi s-soċjeta´ konvenuta ġiet debitament notifikata permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni u liema pubblikazzjoni saret fil-Gazzetta ta´ Gvern, f´gazzetta bil-lingwa Ingliża u f´gazzetta bil-Lingwa Maltija (a fol. 11, 14 u 20).

Ra illi l-konvenut ma ppreżenta ebda risposta u/jew kontro-talba.

Ra illi s-soċjeta´attriċi ppreżentat kapitolu (a fol. 24)

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Mill-provi u xhieda prodotti jidher ċar x´kienet ir-relazzjoni bejn is-soċjeta´ attriċi u s-soċjeta´ konvenuta. Id-diżgwit ta´ bejniethom seħħ minħabba illi s-soċjeta´ konvenuta naqset illi tħallas lis-soċjeta´attrici għas-servizzi minnha reżi wara li kien hemm ftehim bejn il-partijiet sabiex jingħataw tali servizzi.

Il-kontumaċja

Jidher mill-proċess illi s-soċjeta´ konvenuta ma ressaq ebda risposta u/jew kontro-talba b´dan illi jwassal illi s-soċjeta´ konvenut hi fi stat ta´ kontumaċja.

It-Tribunal josserva illi l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta´ attriċi da parti tas-soċjeta´ konvenuta iżda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm is-soċjeta´ konvenuta baqgħet kontumaċi, dan ma jfissirx li hija abbandunat kull eċċezzjoni li setgħet tagħmel fil-kawża u ammettiet id-domandi. F'każ ta' kontumaċja jibqa' l-oneru fuq is-soċjeta´ attriċi li tressaq provi sal-grad ta' probabilità u li tressaq l-aħjar prova. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tas-soċjeta´ konvenuta (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). L-istess intqal fis-sentenza ***Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit- 22 ta' Ġunju 2005:

> "*huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut*. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35"

Inoltre´, fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs. Brian Mizzi et noe***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 1996 ingħad:

> "*Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta ttalba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta' Jannar 1991:*
>
> "*Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika. Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;*""

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem l-Onorabbli Qorti jew Tribunal (ara **Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

L-Azzjoni tas-Socjeta´ Attriċi

Fit-talba tagħha, is-socjeta´ attriċi indikat is-servizzi illi hi pprovdit lis-socjeta´ konvenuta u wkoll ipprovdit dokumentazzjoni dettaljata li juru tali servizz u l-ħlas pretiż (a fol. 5 sa 9).

Għaldaqstant, dan it-Tribunal u konvint illi s-socjeta´ attriċi hi dovuta l-ammont minnha indikat mis-socjeta´ konveuta.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tas-socjeta´ attriċi għall-ammont ta´ elf tliet mija u sitta u sebgħin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 1376.67) bl-imgħax li jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tas-socjeta´ konveuta.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur